**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u>**
**Nru. 15/02/2016**
***Kienet addottata Aġenda nru. 15/2016***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 8 ta' Marzu 2016**

**Ħin: Fis-6.00 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Membru**
- **Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Is-Sur Martin Cefai membru kien assenti.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. <u>APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 14/2016</u>

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 14/2015 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 14/2016

Il-Viċi Chairperson staqsa dwar il-laqgħa li kienet saret mal-Ministru għal Għawdex fir-rigward tal-binja tal-Għassa ta' Marsalforn.
Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li fil-laqgħa mal-Ministru kien deċiż li x-xogħlijiet li hemm bżonn isiru għas-spejjeż tal-Ministeru u s-sorveljanza tax-xogħol issir mill-Perit tal-Kunsill.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Avviż ta' Infurzar mill-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar ħajt tal-kantun u xatba mingħajr il-permessi meħtieġa fil-Bajja tal-Qbajjar.
Il-Kunsill iddeċieda li jqabbad lil Richard Axiaq iwaqqa' l-ħajt u jħalli biss l-ilqugħ li kien hemm qabel inbena l-ħajt. L-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ser tkun notifikata bid-deċiżjoni tal-Kumitat.

Stima ta' Galea Curmi Engineering biex titwaħħal lampa ġdida fl-*area* riservata għad-dgħajjes fil-*car park*. Peress li l-Kumitat ra' l-istima għolja, ġie deċiż li minflok isir *floodlight*.

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
|---|---|
| (i) Ruth Frau<br>Biex tintrama *luna park* mill-14 ta' Marzu sal-14 ta' April 2016 fil-*car park* ta' Marsalforn. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet li l-*luna park* tintrama fil-*parking* ta' taħt, fuq ġewwa. |

## 5. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. KAM 02/2016 – is-Sur Jason Zammit**
Jerġa' jitwaħħal sinjal ta' direzzjoni maġenb ir-residenza ta' George Axiaq fi Triq il-Qbajjar. Kien approvat li jitwaħħal sinjal ġdid.

**Nru. KAM 03/2016 – is-Sinjura Orietta Gatt**
Talbet biex jitpoġġew żewġ bankijiet fi Triq is-Sajjied, fejn tagħlaq it-triq.
Il-Kumitat approva li jwaħħal żewġ bankijiet mill-qodma fi Triq is-Sajjied.

**Nru. KAM 04/2016 – is-Sinjura Rita Zerafa**
Biex titbaxxa l-bankina quddiem l-appartamenti 'Mariblu' fi Triq il-Qolla s-Safra.
It-talba kienet approvata mill-Kumitat.

**Nru. KAM 05/2016 – is-Sur Francis Tabone**
Biex titbaxxa l-bankina quddiem garaxxijiet fi Triq il-Qbajjar kantuniera ma' Triq ir-Rabat.
Ġie deċiż li ssir *site visit* mal-Perit.

**Nru. KAM 06/2016 – is-Sur Mark Aquilina**
Biex titkompla l-bankina quddiem ir-residenza 'Josmar' fi Triq il-Forn.
Approvata li ssir max-xogħol ta' pavimentar ta' Triq Ulisse.

## 6. MATERJA OĦRA

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li fil-laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex, il-Ministru qal li d-dawl ta' Triq il-Port kien ser jinbidel għas-spejjeż tal-Ministeru u se jsiru bħal tal-Menqa.

Il-Viċi Chairperson qal fl-avviżi tal-Kunsill għandu jissemma l-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn.
Is-Sindku qal m' għandiex tkun problema.

Iċ-Chairperson ressqet dawn il-proposti:

√ biex jitneħħa konkos li kien intrema mill-kuntrattur tal-bankini f' għalqa fi Triq il-Qbajjar kantuniera ma Triq Barda.
  Approvat li jitneħħa minn Joseph Cefai.
√ li Triq Għar Qawqla hija mudlama.
√ jinbidlu l-fanali ta' fuq iz-zuntier tal-Knisja u minflok isiru arbli bi globu wieħed.
  Ser tintalab stima lil Galea Curmi Engineering Consultants Ltd.
√ l-ATM tal-BOV fi Triq il-Port mhix *disabled friendly*.
  Is-Sindku kien ser jitkellem mal-Bank dwar l-ilment.
√ jinżebgħu *double yellow lines* fi Triq Daħlet l-Għarejjex (fil-kantuniera, faċċata tad-Dar il-Ħamra) u fi Triq il-Wied (jitkompla s-sinjal).
  Approvati.

Is-Sur Simon Salomone Reynaud tkellem dwar l-attivita` li kien ippropona li ssir f' Marsalforn. Qal li din l-attivita` tkun tista' ssir bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ministeru tat-Turiżmu.

Is-Sindku ppropona li fejn hemm il-*bring-in site* fil-*car park* ta' Marsalforn titwaħħal CCTV mill-Kumitat u s-sorveljanza tal-*camera* ssir mill-LESA.

Is-Sindku ppropona li ssir xibka madwar is-*swimming zone* ta' Marsalforn biex iz-zona tkun protetta mill-bram.

## 9. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.15 ta' filgħaxija. Il-Kumitat aġġorna s-seduta għal Ġimgħa, 8 ta' April 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**IFFIRMATA**

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***

**Data: 8 ta' April 2016**